



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13691/22

ENER 516
ECOFIN 1063

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Ottubru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 553 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT AT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-Emerġenza tal-Enerġija — inġeju, nixtru u nipproteġu lill-UE flimkien

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 553 final.

Mehmuż: COM(2022) 553 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 18.10.2022
COM(2022) 553 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Emerġenza tal-Enerġija — inħejju, nixtru u niproteġu lill-UE flimkien

INTRODUZZJONI

L-aggressjoni militari mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-użu tal-enerġija mir-Russja bħala arma pprovokaw kriżi tal-enerġija bla preċedent. Dawn ikkawżaw żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u kkompromettew is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħna. Id-deċiżjoni tar-Russja li twaqqaf il-provvista permezz tan-Nord Stream1 wasslet biex din il-kriżi tidħol fi stadju ġdid.

L-Unjoni Ewropea aġixxiet b'mod magħqud. Il-pjan u r-regolament biex titnaqqas id-domanda għall-gass¹, kif ukoll miżuri ta' emerġenza għal intervent fis-swieq tal-enerġija², kif propost mill-Kummissjoni, qed ikollhom impatt għal din ix-xitwa. L-Unjoni issa qed tnaqqas il-konsum tal-gass tagħha mill-bidu tal-aggressjoni Russa³. L-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils Russi aċċellerat, tniżżlet għal 9 % tal-provvista tal-gass mill-pipeline tagħna f'Settembru 2022 u għal 14 % meta jiġi inkluż l-LNG, meta mqabbel ma' sehem ta' 41 % tal-gass mill-pipeline Russu u 45 % meta jiġi inkluż l-LNG fl-2021. Il-kooperazzjoni intensifikata ma' sħab affidabbli fil-provvista kkompensat għat-tnaqqis qawwi fl-importazzjonijiet tal-gass mir-Russja. Il-mili tagħna għall-ħżin tal-gass huwa ogħla minn 91 % sa nofs Ottubru. Issa ninsabu f'pożizzjoni aktar b'saħħitha minn ftit xhur ilu.

Minkejja dawn l-azzjonijiet, is-sitwazzjoni għadha estremament diffiċli fil-bidu ta' din ix-xitwa. Il-konsumaturi u n-negozji Ewropej għadhom esposti għal prezzijiet li huma għoljin u volatili wisq. Avvenimenti imprevedibbli, bħas-sabotaġġ tal-pipelines, xorta jistgħu jfixxlu s-sigurtà tal-provvista tagħna. It-tensjonijiet fis-swieq tal-gass x'aktarx li jippersistu, anke lil hinn minn din ix-xitwa.

Il-Kunsill Ewropew fil-laqgħa informali tiegħu tas-6 ta' Ottubru fi Praga, il-laqgħa informali tal-ministri tal-Enerġija tat-12 ta' Ottubru u l-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu dwar ir-rispons tal-UE għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa⁴ talbu lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri biex tikkoordina l-isforzi ta' solidarjetà, tiżgura l-provvista tal-enerġija, tistabbilizza l-livelli tal-prezzijiet u tappoġġa lill-unitajiet domestiċi u lill-kumpaniji li qed jiffaċċjaw prezzijiet għoljin tal-enerġija.

Fl-ittra tagħha lill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, il-President von der Leyen stabbiliet **pjan direzzjonali għat-triq 'il quddiem**, abbażi ta' erba' settijiet ta' azzjonijiet: it-tnaqqis tal-prezz li nħallsu għall-importazzjonijiet tal-gass tagħna mingħajr ma nipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tagħna, naħdmu flimkien mal-Istati Membri biex nillimitaw il-prezzijiet fis-suq tal-gass naturali, nillimitaw l-impatt tal-prezzijiet tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku, nippreżervaw kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku u nħaffu t-tranżizzjoni tagħna lejn l-indipendenza enerġetika. Hemm bżonn urġenti wkoll ta' azzjoni biex tiżdied il-kapaċità tal-UE li tlaħħaq ma' attakki

¹ [EUR-Lex - 52022DC0360 - EN - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

² [EUR-Lex - 52022PC0473 - EN - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

³ [Għad irid jiġi kkonfermat mir-rappurtar mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Iffrankar tal-Gass, li se jidher sal-15 ta' Ottubru](#)

⁴ [Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar ir-rispons tal-UE għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa \(2022/2830 \(RSP\)\)](#)

potenzjali kontra l-infrastruttura kritika u flimkien ma' dan il-pakkett ta' miżuri relatati mal-enerġija, il-Kummissjoni qed tippreżenta wkoll proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

Illum, il-Kummissjoni qed tressaq qafas imsaħħa għal azzjoni biex timplimenta dan il-pjan direzzjonali u twieġeb għall-isfidi tal-enerġija għal din ix-xitwa filwaqt li tħejji wkoll għax-xitwa li jmiss.

L-Ewropa tista' tibni fuq il-punti b'saħħithom tagħha billi tisfrutta l-potenzjal tas-suq uniku biex ix-xiri konġunt isir realtà u żżomm il-prezzijiet tas-suq taħt kontroll, inkluż billi tpoġġi limitu għal żidiet eċċessivi fil-prezzijiet kif ukoll billi tagħmel l-aħjar użu mill-infrastruttura eżistenti biex tiżgura l-flussi tal-gass fejn ikun l-aktar meħtieġ.

Dan huwa l-mument li naġixxu, għal din ix-xitwa u lil hinn. Il-miżuri l-ġodda dwar l-enerġija proposti llum huma eċċezzjonali u temporanji. Jirrispondu għall-kriżi inkwistjoni u jipprovdu soluzzjoni għal għajnuna immedjata. Iżda dawn jistabbilixxu l-bażi għal aktar miżuri strutturali li se jkomplu jsaħħu r-reżiljenza u l-effiċjenza tal-Unjoni tal-Enerġija.

Filwaqt li tibni fuq il-miżuri tal-lum, il-Kummissjoni se tressaq proposti leġiżlattivi ordinarji għall-kunsiderazzjoni tal-koleġiżlaturi, li għandhom rwol kruċjali x'jaqdu biex jiżguraw li l-Ewropa tibbenefika minn enerġija aktar sikura, affordabbli u nadifa lil hinn mill-kriżi attwali. Wieħed minn dawn se jindirizza r-riforma tad-disinn tas-suq tal-elettriku.

Sadanittant, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mill-qrib mal-Parlament Ewropew billi twaqqaf grupp ta' kuntatt għal dialogu f'ħin reali dwar ir-rispons ta' emerġenza għall-kriżi tal-enerġija.

1. IX-XIRI TAL-GASS FLIMKIEN U S-SALVAGWARDJA TAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAGĦNA

Filwaqt li l-UE se tkun tista' tiflaħ għal din ix-xitwa, jeħtieġ li nħejju għal aktar tfixkil possibbli, u nqiegħdu pedament sod għax-xitwa ta' wara. Il-projezzjonijiet attwali juru li livell baxx wisq ta' ħżin f'Marzu 2023 jista' jwassal għal sitwazzjoni prekarja fix-xitwa 2023–2024. Filwaqt li ż-żieda fl-iffrankar tal-gass se tippermetti lill-Unjoni tnaqqas l-esponiment tagħha għal prezzijiet għoljin tal-importazzjoni, jenħtieġ li tuża wkoll l-ingranaġġ tagħha fis-suq biex tiżgura l-gass bi prezzijiet kompetittivi globalment.

Il-Kummissjoni intensifikat ir-rabtiet tagħha ma' fornituri affidabbli tal-gass u tal-LNG. Ikkonkludiet ftehimiet mal-Istati Uniti, il-Kanada, in-Norveġja, l-Ażerbajġan, l-Eġittu u Iżrael. F'Ottubru, l-UE u n-Norveġja waqqfu task force biex jistabbilizzaw is-swieq tal-enerġija. Id-dialogu dwar l-Enerġija bejn l-UE u l-Alġerija reġa' beda f'Ottubru. Il-Kummissjoni se tkompli tikkoordina u tintensifika l-kooperazzjoni ma' sħab affidabbli.

L-UE se tkompli timpenja ruħha mas-sħab tagħha f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Impenn estern tal-UE dwar l-enerġija f'dinja li qed tinbidel"⁵, qed inżidu wkoll l-involviment u s-solidarjetà tagħna mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u s-sħubija tal-Lvant, l-eqreb ġirien tagħna. Il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE hija miftuħa għas-sħab tagħna tal-Komunità tal-Enerġija. Aktar kmieni din is-sena, il-grilji tal-elettriku tal-Ukrajna u tal-Moldova ġew sinkronizzati mal-grilja kontinentali. U aktar kmieni dan ix-xahar, ġie inawgurat interkonnettur tal-gass ġdid bejn il-Bulgarija u l-Greċja, li se jservi wkoll lill-Maċedonja ta' Fuq u lis-Serbja. Peress li r-reġjun kollu qed jiffaċċja xitwa diffiċli minħabba l-gwerra tal-enerġija tar-Russja, tali sforzi għandhom jaċċelleraw, biex ir-reġjun jiġi integrat aktar fl-Unjoni tal-Enerġija tagħna.

Bl-appoġġ tal-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE stabbilita f'April 2022, il-Kummissjoni se tkompli tapprofondixxi l-kooperazzjoni u l-appoġġ fit-tul tagħha mal-fornituri affidabbli kollha sabiex iżżid il-produzzjoni globali tal-gass minn oqsma eżistenti u ġodda, filwaqt li tissostitwixxi l-gass Russu u tiżgura li l-gass, b'mod partikolari l-LNG, ikompli jasal fl-Ewropa. Qed twitti wkoll it-triq għal sħubijiet dwar l-idroġenu sabiex jintlaħaq l-oġettiv tar-REPowerEU ta' 10 miljun tunnellata ta' idroġenu ekoloġiku importat fl-2030. Id-diskussjonijiet mas-sħab internazzjonali jkopru wkoll il-prezz tal-gass li jformu lill-Ewropa bħala parti minn ftehimiet ta' benefiċċju reċiproku.

Illum, nipproponu li l-UE tiġi mgħammra bl-għodod legali biex tixtri l-gass b'mod konġunt. Il-Pjattaforma għandha l-ewwel u qabel kollox tikkoordina l-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass, f'konformità mal-miri tagħna għall-mili. Għax-xtiewi li jmiss sal-2025, inkluż dik tal-2023-2024, hija stmata lakuna ta' domanda mhux ikkuntrattata sa 100 bcm fis-sena f'każ ta' interruzzjoni sħiħa tal-provvisti Russi. Jekk il-provvisti tal-ħżin jiġu eżawriti fl-aħħar ta' din ix-xitwa, il-mili tagħhom għal 90 % sa Novembru 2023 kif meħtieġ mir-Regolament tal-UE dwar il-ħżin tal-Gass jista' jkun aktar diffiċli milli għal din ix-xitwa.

Sabiex ikun jista' jsir xiri konġunt, speċjalment għall-mili tal-ħażniet tal-gass, il-Kummissjoni tippromponi:

- Aggregazzjoni tad-domanda fil-livell tas-sħab tal-UE u tal-Komunità tal-Enerġija, li tiġbor flimkien il-ħtiġijiet tal-importazzjoni tal-gass u tfittex offerti fis-suq fuq dik il-bażi;
- Parteċipazzjoni obligatorja mill-Istati Membri fl-aggregazzjoni tad-domanda tal-UE għal mill-inqas 15 % tal-obbligi tagħhom fir-rigward tal-mili tal-ħżin;
- Sistema ta' xiri volontarju, li tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw konsorzju Ewropew għax-xiri tal-gass. Il-Kummissjoni tinsab lesta li takkumpanja lill-kumpaniji fit-tfassil tal-konsorzju u toħroġ malajr deċiżjoni dwar l-inapplikabbiltà tal-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE jekk jiġu rispettati l-kundizzjonijiet sostantivi rilevanti.

⁵ [JOIN\(2022\) 23 final](#)

Ix-xiri konġunt se jiffaċilita aċċess aktar ugwali għal fornituri ġodda u swieq internazzjonali u jagħti aktar piż ta' negozjar lill-importaturi Ewropej. Is-sorsi ta' provvista Russi se jiġu esklużi mill-parteeċipazzjoni fil-Pjattaforma.

Ix-xiri konġunt se jwassal il-benefiċċji sħaħ tiegħu biss jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw it-**trasparenza** fir-rigward tal-Pjattaforma tal-UE tal-Enerġija tax-xiri intenzjonat u konkluż tal-provvista tal-gass fl-Unjoni, sabiex jiġi vvalutat jekk l-oġettivi tas-sigurtà tal-provvista u s-solidarjetà enerġetika humiex issodisfati. Koordinazzjoni b'saħħitha mal-Istati Membri u bejniethom vis-à-vis pajjiżi terzi permezz tal-Pjattaforma tal-Enerġija se tiżgura li l-piż kollettiv tal-Unjoni jkun aktar effettiv. Dan se jipprevjeni lill-Istati Membri u lill-importaturi tal-gass milli jikkompetu ma' xulxin fl-offerti u jgħollu l-prezzijiet.

Id-disponibbiltà tal-kapaċitajiet fit-terminals u l-pipelines tal-LNG se tkun fattur ewlieni tas-suċċess fix-xiri konġunt. Dan huwa saħansitra aktar importanti fi żmien ta' emerġenza, fejn il-konġestjoni tal-pipelines u t-terminals tikkawża konġestjonijiet fil-provvista tal-gass, inkluż għall-mili tal-ħażniet. Għalhekk, il-proposta tinkludi regoli dwar it-trasparenza tal-kapaċità fit-tul mhux użata tat-terminals u l-pipelines f'każ ta' konġestjoni għal żmien qasir.

Solidarjetà u żgurar ta' flussi tal-gass lejn fejn ikun meħtieġ

L-UE saħħet l-għodod tagħha biex **isir iffrankar tal-gass u tal-elettriku**. Madankollu llum, jeħtieġ li nużaw ir-regolamenti miftiehma kemm jista' jkun sabiex nilħqu l-miri tagħna għat-tnaqqis tad-domanda. Dan se jgħinna nirreżistu interruzzjonijiet ulterjuri fil-provvista tal-gass, u ntaffu l-pressjoni fuq is-swieq internazzjonali tal-gass, u għalhekk fuq il-prezzijiet. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-miżuri għat-tnaqqis tad-domanda, l-impatti distributtivi tagħhom, filwaqt li tiżgura li l-isforzi u l-kontribuzzjonijiet mill-partijiet kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà jkunu ġusti, u tinsab lesta li tiskatta t-Twissija tal-UE jew saħansitra tirrevedi l-miri għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass jekk il-miżuri volontarji għat-tnaqqis tad-domanda ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw provvisti suffiċjenti tal-gass matul ix-xitwa.

Biex issaħħaħ l-istat ta' tħejjija għal emerġenzi possibbli matul il-perjodu tax-xitwa, il-Kummissjoni tipproponi miżuri li jippermettu lill-Istati Membri **jnaqqsu b'mod eċċezzjonali l-konsum mhux essenzjali** bħat-tisħin fuq barra biex jiżguraw li l-gass ikun qed jiġi fornut lil setturi, servizzi u industriji essenzjali oħra. Dan jenħtieġ li taħt l-ebda ċirkostanza ma jaffettwa l-konsum tal-unitajiet domestiċi li huma klijenti vulnerabbli.

Is-**solidarjetà** hija l-pedament tal-Unjoni, u tinfed l-effiċjenza tal-azzjoni tagħha. Ħames snin wara li ntlaħaq qbil dwar ir-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista, ġew iffirmati biss 6 ftehimiet bilaterali ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, mill-40 possibbli. Dan huwa bil-mod wisq. Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tirreaġixxi malajr f'każ ta' emerġenza billi tistabbilixxi regoli prestabbiliti dwar is-solidarjetà, li jiżguraw li Stat Membru li jkun qed jiffaċċja emerġenza jirċievi gass mill-oħrajn bi skambju għal kumpens ġust. Il-proposta tiġi estiża wkoll biex tkopri mhux biss l-Istati Membri li huma konnessi direttament jew permezz ta' pajjiżi terzi, iżda għall-Istati Membri b'faċilitajiet tal-LNG anke meta ma jkunux konnessi direttament. Is-suq uniku Ewropew għall-gass u l-kummerċ tal-gass mingħajr interruzzjoni fi

ħdan l-Unjoni huma prerekwiżit għal xitwa sikura għall-Ewropej kollha din is-sena u s-sena d-dieħla.

2. L-INDIRIZZAR TAL-PREZZIJET GĦOLJIN TAL-ENERĠIJA

Għalkemm il-prezzijiet bl-ingrossa naqsu mill-qofol li kienu laħqu fis-sajf tal-2022, dawn għadhom għoljin b'mod mhux sostenibbli għal għadd dejjem jikber ta' Ewropej. Aktar u aktar ċittadini huma soġġetti għal faqar enerġetiku jew f'riskju ta' faqar enerġetiku. Il-konsumaturi vulnerabbli huma l-aktar milquta, iżda kemm in-negozji kif ukoll l-unitajiet domestiċi, inklużi l-unitajiet domestiċi b'introjtu medju, qed jitgħabbew dejjem aktar b'kontijiet għaljin tal-gass u tal-elettriku.

Dan jeħtieġ azzjoni, b'mod partikolari għall-gass, minħabba l-piż tiegħu għad-djar u l-industrija u l-impatt tiegħu fuq il-prezzijiet tal-elettriku.

Il-prezzijiet tal-gass fuq l-iskambju Ewropew ewlieni tal-gass, il-Faċilità tat-Trasferiment tat-Title (TTF, Title Transfer Facility) laħqu livelli bla preċedent u huma volatili ħafna. Filwaqt li dan jirrifletti s-sitwazzjoni speċifika tal-Majjistral tal-Ewropa, minħabba nuqqasijiet lokali u konġestjonijiet fl-infrastruttura, it-TTF spiss ikollu impatt fuq il-livelli tal-prezzijiet f'kuntratti fit-tul barra mill-Majjistral tal-Ewropa u ħafna tranżazzjonijiet tal-LNG. Neħtieġu indiċijiet tal-prezzijiet li jirriflettaw l-kundizzjonijiet attwali tas-suq.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi **parametru referenzjarju ġdid komplementari għall-prezz tal-LNG**. Parametru referenzjarju bbażat fuq l-LNG ikun bażi aktar akkurata għat-tranżazzjonijiet tal-LNG, li joffri indiċi tal-prezzijiet aktar ġust u trasparenti. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators) għandha tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex toħloq dan il-parametru referenzjarju ġdid sa tmiem l-2022 u l-indiċi għandu jsir disponibbli fil-ħin għall-istaġun tal-mili li jmiss kmieni fl-2023.

Barra minn hekk, biex twieġeb għall-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi mekkaniżmu **biex jillimita l-prezzijiet permezz tal-iskambju tal-gass Ewropew ewlieni**, it-TTF, li għandu jiġi attivat meta jkun meħtieġ. Il-mekkaniżmu tal-korrezzjoni tal-prezzijiet jistabbilixxi, fuq bażi temporanja, limitu dinamiku tal-prezz għat-tranżazzjonijiet fuq it-TTF. Dan se jgħin biex jiġi evitati volatilità estrema u prezzijiet eċċessivi. Il-Kummissjoni diġà ressqitu bħala opzjoni f'Marzu 2022. Illum, meta titqies in-natura bla preċedent tal-kriżi tal-enerġija, u abbażi tal-qafas għal miżuri għat-tnaqqis tad-domanda issa stabbilit, wasal iż-żmien li jiġi stabbilit tali mekkaniżmu.

Sabiex **tillimita l-volatilità fl-istess ġurnata**, il-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' **mekkaniżmu collar** temporanju ġdid **għaż-żieda qawwija fil-prezzijiet** fl-istess ġurnata biex tiġi evitata volatilità eċċessiva tal-prezzijiet u jiġi evitati żidiet estremi fil-prezzijiet fis-suq tad-derivattivi tal-enerġija. Mekkaniżmu bħal dan se jiżgura mekkaniżmu ta' formazzjoni tal-prezzijiet aktar b'saħħtu f'dawk is-swieq, filwaqt li jipproteġi lill-operaturi tal-enerġija tal-UE

minn movimenti kbar 'il fuq fil-prezzijiet fl-istess ġurnata u jgħinhom jiżguraw il-provvista tal-enerġija tagħhom fuq terminu medju.

Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tiżviluppa modi biex **tillimita l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-gass fuq il-prezzijiet tal-elettriku**. L-introduzzjoni ta' limitu massimu fuq il-prezz tal-gass li jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku naqqset il-prezzijiet fi Spanja u fil-Portugall. Dan jistħoqqlu li jiġi kkunsidrat għall-introduzzjoni fil-livell tal-UE, jekk xi mistoqsijiet miftuħa jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti. L-Istati Membri tal-UE jvarjaw f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħlitiet tal-enerġija, il-konnessjonijiet u s-sistemi tal-enerġija tagħhom. Jeħtieġ li titfassal soluzzjoni li taħdem għalihom kollha u li tipprevjeni ż-żieda fil-konsum tal-gass, tindirizza l-impatt finanzjarju inugwali fost l-Istati Membri u timmaniġġja l-flussi lil hinn mill-fruntieri tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tappoġġa t-Task Force l-ġdida li twaqqfet mill-ACER u mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority), flimkien mas-superviżuri nazzjonali tal-enerġija u tas-swieq finanzjarji, biex jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi fis-suq tal-enerġija. Din l-azzjoni konġunta se tgħin biex jiġu segwiti x-xejriet u d-dinamika tal-kummerċ bejn id-diversi segmenti tas-swieq tal-gass u tal-elettriku. Se ssaħħaħ is-sorveljanza tas-suq u kwalunkwe azzjoni ta' infurzar meħtieġa mis-superviżuri tas-suq.

3. MITIGAZZJONI TAL-IMPATT TAL-PREZZIJET GħOLJIN TAL-GASS

Minbarra l-azzjoni tagħha dwar il-prezzijiet, il-Kummissjoni u l-Istati Membri fasslu miżuri finanzjarji u miżuri oħra biex jiproteġu lill-konsumaturi u lin-negozji milquta mix-xokk estern fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Is-Suq Uniku, li għen lill-Unjoni tindirizza kriżijiet preċedenti, irid jiġi ppreżervat u jrid jiġi salvagwardjat livell għoli ta' impjieg. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-viċin l-iżviluppi f'dan ir-rigward. Huwa kruċjali li jiġu segwiti soluzzjonijiet komuni tal-UE biex jiġu evitati soluzzjonijiet nazzjonali frammentati li jiddependu fuq l-ispazju fiskali differenti tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jappoġġaw lill-kumpaniji tagħhom, billi temenda l-**Qafas Temporanju ta' Kriżi** filwaqt li tippreżerva l-kundizzjonijiet ekwi. Il-limiti ta' żmien għall-appoġġ mill-Istat se jiġu estiżi, u sabiex inżommu l-azzjoni tagħna fuq perjodu qasir f'konformità mal-għanijiet fit-tul tagħna, se jiġu offruti opzjonijiet ġodda li jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw lill-kumpaniji li jnaqqsu d-domanda tagħhom għall-elettriku. Dan il-qafas se jagħti aktar opportunitajiet lill-Istati Membri biex jappoġġaw lil dawk il-kumpaniji li l-aktar jeħtiġuh, filwaqt li jissimplifika ċerti rekwiżiti u jżomm kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Il-Kummissjoni se tiżgura li t-talbiet kollha mill-Istati Membri għal appoġġ temporanju jiġu ttrattati malajr u b'mod konsistenti.

Is-swieq tad-derivattivi huma essenzjali biex il-kumpaniji tal-enerġija jkomplu bl-attivitajiet tagħhom. Madankollu, żidiet qawwija fil-prezzijiet u volatilità estrema fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija wasslu għal kwistjonijiet ta' **likwidità** għall-kumpaniji tal-enerġija. Huwa ta' importanza kbira li l-kumpaniji tal-enerġija tagħna jingħataw marġni addizzjonali ta' manuvra biex ikunu jistgħu jiżguraw il-provvisti u x-xiri ta' komoditajiet tal-enerġija fit-terminu medju.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni, f'konformità mal-parir tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), qed tadotta żewġ regolamenti delegati biex ittaffi ż-żieda fil-pressjoni ta' likwidità fuq il-parteċipanti fis-swieq mhux finanzjarji li tirriżulta miż-żieda fir-rekwiżiti tal-marġini.

Dawn se:

- Iżidu l-limitu minimu għall-ikklerjar għall-kontropartijiet mhux finanzjarji għal EUR 4 biljun⁶. Taħt dan il-limitu minimu, il-kontropartijiet mhux finanzjarji mhux se jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' marġini fuq id-derivattivi tal-enerġija barra l-borża tagħhom.
- Iwessgħu l-lista ta' assi eliġibbli li l-kontropartijiet ċentrali jistgħu jaċċettaw li jkopru r-riskji tagħhom⁷ għal sena. Dan se jippermetti lill-kumpaniji mhux finanzjarji⁸ kif ukoll lill-parteċipanti kollha fis-suq jużaw tipi addizzjonali ta' garanziji taħt kundizzjonijiet speċifiċi, biex jissodisfaw l-appelli għall-marġni tagħhom⁹.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tagħmel il-**qafas tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 aktar flessibbli**, biex b'hekk jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni permezz ta' miżuri mmirati, temporanji u eċċezzjonali biex jiffaċċjaw l-isfidi li jirriżultaw mill-kriżi kurrenti tal-enerġija, sa massimu ta' 10 % tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri li jammontaw għal kważi EUR 40 biljun. L-ammonti għandhom jitħallsu soġġetti għal finanzjament disponibbli taħt il-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dan se jipprovdi appoġġ lill-SMEs affettwati b'mod partikolari miż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, jgħin biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku permezz ta' appoġġ lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli u jipprovdi appoġġ għall-aċċess għas-suq tax-xogħol billi jżomm l-impjiegi tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, permezz ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi ekwivalenti.

L-indirizzar tal-kriżi tal-enerġija jeħtieġ il-protezzjoni tal-elementi fundamentali tal-ekonomija tagħna, u b'mod partikolari s-salvagwardja tas-suq uniku tagħna u livell għoli ta' impjiegi. Approċċ Ewropew magħqud u komuni huwa ta' importanza kbira biex jiġi indirizzat ir-riskju serju ta' frammentazzjoni tal-Unjoni.

L-aċċellerazzjoni, b'mod konkret, tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili Russi titlob valutazzjoni mill-ġdid tal-miżuri u tar-ritmu tat-tranżizzjoni propost f'RePowerEU. Għalhekk, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal RePowerEU. Din il-valutazzjoni se tkopri

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru (UE) XX li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (EMIR) fir-rigward tal-valur tal-limitu minimu għall-ikklerjar għad-derivattivi tal-komoditajiet

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru XX li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) Nru 153/2013 fir-rigward ta' miżuri temporanji ta' emerġenza dwar ir-rekwiżiti tal-kollateral

⁸ Li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar.

⁹ Fil-mistoqsijiet u tweġibiet pubbliċi tagħha, l-ESMA se tikkonferma wkoll li assi oħra, bħal strumenti ta' dejn ta' terminu qasir maħruġa minn kumpaniji jew bonds tal-UE, jistgħu jintużaw bħala kollateral biex ikunu ssodisfati appelli għall-marġini.

investimenti fl-infrastruttura transfruntiera, inkluż interkonnessjonijiet pan-Ewropej kritiċi¹⁰, ħżin tal-enerġija, effiċjenza enerġetika u enerġija rinnovabbli li huma meħtieġa biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tiġi evitata l-frammentazzjoni fis-suq uniku. Se tikkunsidra wkoll il-kapaċità ta' assorbiment tal-investment. Ir-riżultati tiegħu se jiffurmaw il-bażi għall-proposti tal-Kummissjoni biex iżidu mas-setgħa finanzjarja tar-RePowerEU biex tkun żgurata l-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-indipendenza enerġetika madwar l-UE.

4. PROTEZZJONI U OTTIMIZZAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURA

L-attrezzar tal-UE biex tindirizza x-xenarju tat-theddid li qed jevolvi jeħtieġ viġilanza u adattament kostanti. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna gābet magħha sett ġdid ta' theddid, ħafna drabi kkombinat bħala attakk ibridu. Wieħed minn dawn huwa r-riskju għall-infrastruttura kritika ta' interess Ewropew. Dan sar ovvj u b'mod sfaċċat bis-sabotaġġ apparenti tal-pipeline tal-gass Nord Stream.

Il-Kummissjoni diġà ħabbret azzjoni biex ittejjeb is-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi wara l-isplużjonijiet fil-pipeline. Għalhekk, illum il-Kummissjoni qed tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġi intensifikat l-appoġġ tal-UE biex tiżdied ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, u biex tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-UE, f'termini ta' tħejjija u rispons, kif ukoll kooperazzjoni msaħħa għall-infrastruttura li hija ta' interess transfruntier. Din il-proposta għandha l-għan li timmassimizza u taċċellera l-ħidma biex jiġu protetti daww l-assi, il-faċilitajiet u s-sistemi li huma meħtieġa għall-funzjonament tal-ekonomija u biex jiġu pprovduti servizzi essenzjali fis-suq intern, li ċ-ċittadini jiddependu fuqu, kif ukoll biex jittaffa l-impatt ta' kwalunkwe attakk billi jiġi żgurat l-irkupru l-aktar rapidu possibbli. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri bl-għan li tittestja l-istress fuq l-infrastruttura kritika tagħhom, billi tibda mis-settur tal-enerġija u mbaġħad tiġi segwita minn setturi oħra b'riskju għoli bħall-komunikazzjoni, it-trasport u l-isparju. L-eżerċizzju tat-test tal-istress se jiġi kkomplementat bil-produzzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni dwar l-inċidenti u l-kriżijiet tal-infrastruttura kritika, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. L-għan tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jiddeskrivi u jistabbilixxi l-oġettivi u l-modi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE fir-rispons għal inċidenti kontra l-infrastruttura kritika, b'mod partikolari fejn dawn jinvolvu tfixkil sinifikanti fil-forniment ta' servizzi essenzjali għas-suq intern. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jsaħħu s-sħab ewlenin tal-kooperazzjoni dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika kif ukoll

¹⁰ Il-proġetti li jikkompletaw is-suq intern tal-enerġija u daww b'dimensjoni transfruntiera b'saħħitha għandhom ikunu privileġġati, pereżempju l-konnessjoni kritika bejn il-Portugall, Spanja u Franza u l-Interkonnessjonijiet tal-Elettriku ta' bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u x-Xlokk tal-Ewropa. Il-proġetti appoġġati għandhom itejbu l-interkonnessjoni tan-networks Ewropej tal-gass u tal-elettriku, il-ħżin tal-enerġija u l-bini ta' infrastruttura lesta għall-idroġenu.

man-NATO permezz tad-djalogu strutturat bejn l-UE u n-NATO u se tiġi stabbilita Task Force man-NATO għal dan l-għan.

B'mod parallel, biex jiġi ottimizzat l-użu tal-infrastrutturi tal-gass u tal-LNG, il-Kummissjoni tipproponi għodod ġodda biex jipprovdu aktar **informazzjoni dwar il-kapaċità tal-infrastruttura disponibbli**, u mekkaniżmi ġodda biex ikun żgurat li l-ebda kumpanija ma tkun tista' tirriżerva l-kapaċità u tħalliha mhux użata. Mekkaniżmi bħal dawn diġà jeżistu, iżda r-riallokazzjoni tal-kapaċitajiet tista' tiegħu diversi xhur – il-proposta tagħna għandha l-għan li tagħmel possibbli reazzjoni rapida, b'mod partikolari fil-każ ta' konġestjoni għal żmien qasir. Infrastrutturi li jiffunzjonaw tajjeb huma partikolarment importanti għall-Istati Membri mingħajr kosta, li ma għandhomx aċċess immedjat għal-LNG u għalhekk għandhom mezzi inqas ovvj biex jidiversifikaw il-provvista tagħhom.

Jeħtieġ ukoll li nbiddlu r-ritmu u naċċelleraw il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u nilħqu l-għanijiet fit-tul tagħna dwar il-klima. Il-**proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli** għadhom twal wisq. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li proġetti ġodda ma jheddux il-bijodiversità u li jkunu aċċettati sew miċ-ċittadini, iżda hemm lok biex il-proċessi jitqassru filwaqt li jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti. Fil-qafas tar-REPowerEU, il-Kummissjoni diġà għamlet proposti biex taċċellera l-permessi. Minħabba l-urġenza fl-iżgurar ta' sigurtà suffiċjenti tal-provvista u fl-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni tħeġġeġ lil-leġiżlaturi biex jilħqu ftehim malajr dwar dawn il-proposti. Hija tinsab lesta li tagħmel proposta dedikata biex tissimplifika u tqassar direttament il-proċessi tal-għoti tal-permessi amministrattivi applikabbli għal ċerti proġetti tal-enerġija rinnovabbli b'mod ikkoordinat u armonizzat madwar l-UE.

KONKLUŻJONI: UNJONI TAL-ENERĠIJA AKTAR B'SAĦĦITHA

Il-kobor tal-kriżi tal-enerġija kurrenti huwa bla preċedent. Dan jirrikjedi rispons ta' emerġenza straordinarju komuni fl-ispirtu ta' solidarjetà. L-UE diġà ħadet passi deċiżivi u tinsab lesta li tmur lil hinn.

Matul l-aħħar sena, il-Kummissjoni ressqet u implimentat diversi inizjattivi, u gradwalment iċċaqilqet minn abilitazzjoni ta' azzjoni fil-livell nazzjonali għat-twaqqif ta' strateġija integrata għas-sigurtà tal-provvista kif ukoll, aktar reċentement, miżuri ta' emerġenza li għandhom l-għan li jisseparaw il-kontijiet tal-elettriku tal-konsumaturi u l-kumpaniji mill-prezz tal-gass, jikkordinaw it-tnaqqis tad-domanda għall-elettriku, itejbu s-sett ta' għodod tal-Istati Membri biex jipproteġu lill-konsumaturi u lill-kumpaniji minn prezzijiet għoljin tal-enerġija u jintroduċu kontribuzzjoni ta' solidarjetà għas-settur tal-fjuwils fossili.

Is-sett il-ġdid ta' miżuri ta' emerġenza jagħmel pass ulterjuri 'l quddiem fis-solidarjetà u l-integrazzjoni, billi jpoġġi l-importanza tas-suq uniku tagħna għas-servizz tas-sigurtà tal-provvista tagħna, l-affordabbiltà u s-sostenibbiltà tal-enerġija u l-aċċess għal servizzi essenzjali għal kulħadd.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li taħdem immedjatament mal-Kunsill u tappoġġah biex jagħmel progress rapidu billi jibda mill-Kunsill tal-Enerġija fil-25 ta' Ottubru.

Is-solidarjetà u l-azzjonijiet konġunti huma l-aktar rispons effiċjenti għal din il-kriżi, u billi nibqgħu magħqudin, l-UE u l-Istati Membri tagħha se jegħlbu l-kriżi u joħolqu Unjoni tal-Enerġija kompetittiva ġenwina.

ANNEX

Miżuri proposti fil-pakkett

IX-XIRI TAL-GASS FLIMKIEN U S-SALVAGWARDJA TAS-SIGURTÀ TAL-PROVVISTA TAGĦNA
Il-koordinazzjoni u l-intensifikazzjoni tan-negożjati dwar il-provvista tal-enerġija mas-sħab affidabbli kollha
Tiġi sfruttata s-setgħa tas-suq Ewropew permezz ta' pjattaforma ta' xiri konġunt biex jinkisbu provvisti addizzjonali għall-mili tal-ħżin (proposta tal-Artikolu 122)
Il-proposta tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-Unjoni li tirreaġixxi malajr f'każ ta' emerġenza billi tistabbilixxi regoli prestabbiliti dwar is-solidarjetà (il-proposta tal-Artikolu 122)
INDIRIZZAR TAL-PREZZIJET GĦOLJIN TAL-ENERĠIJA
Il-Kummissjoni tipproponi l-iżvilupp ta' prezz referenzjarju speċifiku għal-LNG sa tmiem l-2022 (il-proposta tal-Artikolu 122)
Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi mekkaniżmu li jillimita l-prezzijiet fuq l-iskambju Ewropew ewlieni tal-gass
Il-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu collar temporanju ġdid għaż-żieda qawwija fil-prezzijiet fl-istess ġurnata biex tkun evitata volatilità eċċessiva u tnaqqas ir-rata li biha jogħlew il-prezzijiet fis-swieq tad-derivattivi tal-enerġija
MITIGAZZJONI TAL-IMPATT TAL-PREZZIJET GĦOLJIN TAL-GASS
Il-Kummissjoni se temenda l-Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Ghajjnuna mill-Istat qabel l-aħħar ta' Ottubru
Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, tipproponi żewġ regolamenti delegati biex ittaffi ż-żieda fil-pressjoni ta' likwidità fuq il-parteċipanti fis-swieq mhux finanzjarji li tirriżulta miż-żieda fir-rekwiżiti tal-marġini.
Finanzjament addizzjonali permezz tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni (emenda tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) kif ukoll permezz tar-RePowerEU
PROTEZZJONI U OTTIMIZZAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURA
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar infrastruttura kritika
Proposta tal-Kummissjoni biex jintużaw għodod ġodda biex tiġi pprovduta aktar trasparenza dwar il-kapaċità (il-proposta tal-Artikolu 122)
Progress aktar mgħaġġel fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli billi jiġu aċċellerati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi

